**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 45/2019BS**

**Raymond Grech**

**-vs-**

**Maria Concetta Grech, James George Grech u Jessica Anne Grech**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. Illi l-esponenti kien fil-pussess tal-art magħrufa bħala "Il-Wied ta' Martin" li fuq l-annessa pjanta dokument A hija indikata bil-kulur aħmar;

[1] Fol 1 sa 3 b'dokumenti a fol 4 sa 5.

2. Illi f'xi żmien wara t-22 ta' April 2019, l-intimati jew xi ħadd fosthom ħadu l-pussess b'mod vjolenti u klandestin ta' din l-art billi qalgħu l-pipes tat-tisqija bid-drip li huwa kien qiegħed f'din l-art intiżi sabiex huwa jkun jista' jsaqqi l-bjut ta' qara ħamsa[2] li iktar tard huwa kien żera' fejn dawn il-pipes u permezz ta' rapport mal-Pulizija żammew lill-esponenti milli jerġa' jidħol f'din l-għalqa;

3. Illi dan l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin tal-pussess tal-esponenti inkwantu jirrendi ferm iktar diffiċli l-aċċess da parti tagħhom għall-proprjeta tagħhom minn Triq Simiar;

**Talab għalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:**

1. Tiddikjara illi intom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi telliftuħ fil-pussess ta' ħwejjġu billi ħadtu l-pussess tal-art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;

2. Tikkundannakom tisporgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnkom kommess billi terġgħu tpoggu lill-attur fil-pussess ta' ħwjeġu;

3. Fin-nuqqas illi int teżegwixxi x-xogħlijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet huma a spejjeż tagħkom, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tagħkom.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti[3] illi eċċepew:**

[2] sic

[3] Fol 12 sa 14, b'dokumenti a fol 15 sa 29.

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex mhux minnu illi l-konvenuti ikkommettew spoll vjolenti u klandestin;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz odjern huma mankanti t-tlett elementi kollha bazici rikjesti mill-ligi sabiex azzjoni ta' spoll vjolenti, klandestin u ricenti tissussisti. Illi fil-fatt huwa ghal kollox mankanti l-element ta' *actor docere debet possedisse*, fi kliem semplici l-element ta' pussess u dan peress illi l-attur ma jgawdi l-ebda forma ta' pussess jew detenzjoni tal-imsemmija raba'. Illi fil-verita din ir-raba' kienet fil-pussess tal-konvenuti, li hawlu s-sigar fiha u kien l-attur li bejn is-7 u 9 ta' Marzu, 2019 mar iqqactilhom is-sigar u sar id-debita rapport lill-Pulizija (ara rapport anness). Il-pussess kien f'idejn il-konvenuti, kif jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess huwa ukoll nieqes l-element daqstant important ta' *infra bimestre deduxisse* u cioe' l-azzjoni ma gietx istitwita fi zmien xaghrejn (2) minn meta sar l-allegat spoll. Illi fir-realta' l-allegat spoll sar iktar minn xaghrejn (2) mid-data meta giet prezentata l-kawza, kif facilment jista jigi dettaljatament pruvat. Isegwi ghalhekk illi l-azzjoni attrici hija inesorabilment destinata illi tfalli;

4. Illi olter minn dan l-attur ha il-ligi b'idejh billi dahal b'mod klandestin bejn is-7 u 9 ta' Marzu 2019 u qaccat is-sigar u sar d-debita rapport lill-Pulizija Ezekuttiva.

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw fil-mori ta' dina l-procedura, l-esponenti jissottomettu illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontro l-istess attrici;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-istess attur.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2021 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2021 ġie esebit ċertifikat mediku[5] rigward diffikoltajiet mediċi tax-xhud imħarrka Maria Theresa Grech milli tattendi l-Qorti sabiex isirilha l-kontro-eżami. Rat li għalhekk ġie maħtur l-Assistent Ġudizzjajru Dr. Aaron Attard Hili sabiex jisma' lil din ix-xhud fir-residenza tagħha.[6]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi u kontro-eżamijiet kollha magħluqa bil-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza bil-fakulta' tal-preżentazzjoni ta' noti tal-osservazzjonijiet.

**Rat l-atti kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**Ikkunsidrat.**

**i. Preliminari**

Illi din hija kawża ta' spoll fejn l-attur, wara li ppremetta li l-porzjon raba' mertu ta' din il-vertenza, magħruf bħala ta' "Wied ta' Martin" li jinsab fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, skond ma jidher fil-pjanta annessa mar-rikors ġuramentat bħala dokument "A"[7], kien fil-pussess tiegħu, iżda f'xi żmien wara t-22 ta' April, 2019 huwa ġie spoljat minnu billi l-konvenuti, jew min minnhom, b'mod klandestin u vjolenti neħħew pajpijiet tad-drip ta' l-ilma li kien installa. Jgħid li permezz ta' rapport mal-pulizija zammewh milli jidħol fl-istess raba. Għalhekk huwa rrikorra b'din il-kawza u talab lill- Qorti tiddikjara l-aġir tal-konvenuti bħala spoll vjolenti u klandestin u tikkundanna lill-istess konvenuti jisporgaw li spoll billi jpoġġuh lura fil-pussess ta' ħwejġu. B'dan illi fin-nuqqas l-attur ikun awtorizzat jagħmel dan ix-xogħol huwa stess a spejjez tal-konvenuti.

Għal dan, il-konvenuti laqgħu billi ddikjaraw li t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Eċċepew li mil-kawża tal-attur huma mankanti

[4] Verbal a fol 111.
[5] Certifikat mediku a fol 125.
[6] Verbal a fol 126 sa 127.
[7] A fok 14 tal-process

t-tlett elementi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll. Eċċepew ulterjorment li l-attur ha l-liġi f'idejh meta bejn is-7 u d-9 ta' Marzu, 2019 huwa qaċċat siġar taż-żebbuġ li kienu mħawwla minnhom fir-raba' mertu ta' din il-vertenza. Talbu għalhekk lill-Qorti tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

## ii. Provi.

**Mary Theresa Grech**, omm l-attur, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[8] Tgħid li r-raba' ta' "Wied ta' Martin" fil-limiti ta' Għajnsielem Għawdex kien ġie għand missiera Emanuel Camilleri wara tpartit li għamel ma' ħuh Paul Camilleri. Tgħid li hija u familta' emigraw lejn l-Amerika fejn baqgħu sa' l-1984 meta ġew lura Malta għal kollox. Iżżid li dak iż-żmien missiera kien għadu jaħdem ir-raba' ta' "Wied ta' Martin". Tgħid li mbagħad missiera ddeċieda li jittrasferixxi dan ir-raba' lilha u lill-żewġgħa. Iżżid li huma kienu jħallsu l-qbiela ta' Lm 4.25 fis-sena kull sajf lil ċertu Salvatore Mizzi għan-nom tal-Knisja. Tgħid li kienu anke rreġistraw ir-raba' mad-Dipartiment tal-Agrikoltura mnejn żewġgħa kien anke jieħu xi sussidju. Tgħid li żewġgħa baqa' jaħdem dan ir-raba sal-2010. Tgħid li mbagħad beda jaħdmu binha Raymond Grech li qabel kien diġa jagħti daqqa' t'id fih. Iżżid li binha għadu sa' issa jġibilha l-ħxejjex milli jkabbar f'dan ir-raba'. Iżżid li reċentement binha Raymond Grech infurmaha li daħlulu f'dan ir-raba'. Tgħid li qalilha wkoll li saru xi allegazzjonijiet min Maria Concetta Grech. Iżżid li xi 4 snin qabel l-istess Maria Concetta Grech kienet b'mod regolari tmur għandha u titlobha sabiex tixtri parti minn dan ir-raba' fejn hi kienet dejjem tirrifjuta. Tikkonkludi li dan ir-raba' ilu għand il-familjari tagħha għal'fuq minn 70 sena u qatt ħadd ma' ostakolhom mit-tgawdija ta' dan ir-raba' qabel issa li qed jiġu ostakolati minn Maria Concetta Grech.

**Alexis sive Alessio Mizzi** xehed bil-proċedura tal-affidavit.[9] Jgħid li huwa u missieru għamlu 'l fuq minn 30 sena jiġbru ċ-ċens tal-Knisja għal diversi għelieqi biswiet xulxin f'Għajnsielem. Jispjega fejn kien jieħdu ċ-ċnus u jannetti żewġ riċevuti għal-ħlas ta' l-istess. Iżid li waħda minn dawn l-għelieqi kienet dik ta' Teresa Grech li qabel kienet għand Tona u Paul Camilleri. Jgħid li din ir-raba' tinsab qrib il-Knisja tal-Patrijiet Frangiskani, maġenb fejn kien il-ground tal-football tal-Patrijiet. Jgħid li

---

[8] Fol 31 sa 32 b'dokument a fol 33.
[9] Fol 34, b'dokumenti a fol 35 sa 37.

jiftakar sew lil Teresa Grech u Tona u Paul Camilleri qabilha jħallsu ċ-ċens għal ħafna snin. Jgħid li qablu kien jiġbor iċ-ċnus missieru Salvu Mizzi. Jgħid li ġeneralment in-nies kienu jħallsu ċ-ċnus fil-festa ta' San Ġużepp jew fil-Kunċizzjoni. Jannetti wkoll żewġ listi bl-ismijiet tan-nies li kienu jhallsuh iċ-ċens. Jispjega li fil-listi Teresa Grech tidher bħala Teresa ta' Manweli tan-Najsi. Iżid li mingħand l-konvenuti huwa qatt ma' ġabar ċens. Jgħid li r-raba' li għalih kien jiġbor iċ-ċens hu kien kollu għand familja waħda li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawn l-oħrajn.

**In kontro-eżami**,[10] jgħid illi huma kienu jiġbru l-ħlas dovut lill-Arċisqof ta' Malta għal-inħawi ta' fejn il-Patrijiet. Jgħid li damu jagħmlu hekk probabbli sas-sena 2000, l-aħħar data li tidher fid-dokumenti li eżebixxa. Jikkonferma li Teresa Grech kienet tħallas iċ-ċens li qabel kien jitħallas minn Tona *sive* Antonia Camilleri. Jgħid li ma' jistax jindika eżatt liema kien il-porzjon art li għalih kienet tħallas.

**Joseph Grech**, hu l-attur, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[11] Jgħid li huwa hu l-attur Raymond Grech. Jgħid li huwa kien jgħix barra minn Malta bejn l-1974 u l-2012 fejn iżda kien jiġi kważi kull sena f'April jew Awwissu u jdum bejn xahar u xahrejn. Iżid li kull meta kien ikun Malta huwa kien jgħin fir-raba' tal-ġenituri tiegħu nkluż dik ta' "Wied ta' Martin" li tiġi wara l-Knisja tal-Patrijiet. Jgħid li meta ġie lura Malta fl-2012 missieru kien diġa waqaf jaħdem ir-raba' u dak ta' "Wied ta' Martin" kien qed jaħdmu ħuh Raymond. Jgħid li fl-aħħar sentejn huwa u ħuh ma' baqgħux imorru hemm spiss għaliex ħuh ried idaħħal aktar ħamrija biex jgħatti il-blat. Jgħid li dan ħuh kien għamlu f'Ottubru/Novembru 2018. Iżid li fit-18 ta' April tal-2019 kien mar fir-raba ma' ħuh sabiex jaħartuha u jħawlu l-qargħa ħamra. Jgħid li xi żmien wara dan ħuh kien qallu li xi ħadd kien daħal fl-għalqa u neħħilu l-pajpijiet tad-drip li kien għamel. Jgħid li ħuh żid jgħidlu li huwa mar għand il-pulizija u dawn qalulu ma' jersaqx lejn l-għalqa u jkellem avukat. Jgħid li huwa ma' resaqx l'hemm minn dakinhar. Iżid li qabel dan ħadd ma' kien ikun f'dan ir-raba' jekk mhux membri tal-familja tiegħu u huwa jaf din l-għalqa għand il-familja tiegħu sa minn twelidu. Jikkonkludi li jiftakar żewġ okkażżjonijiet xi 3 snin qabel fejn Maria Concetta Grech talbet lill-ommu tbiegħilha parti min dan ir-raba' iżda ommu irrifjutat.

---

[10] Udjenza tal-10 ta' Gunju, 2021.
[11] Fol 39 sa 41.

**Raymond Grech,** l-attur, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[12] Jgħid li huwa ġie lura minn barra sabiex jgħix Malta fl-1998. Jgħid li qabel dan huwa kien ikun Malta spiss u kien jgħin lill-missieru fir-raba' inkluż dak ta' "Wied ta' Martin" li tiġi wara l-Knisja tal-Patrijiet. Jirreferi għad-dokument "A" mar-Rikors Ġuramentat[13] u jindika li fuqu missieru Antonio Grech jidher bħala l-bidwi reġistrat bħala li jaħdem dak ir-raba' fis-sena 2003. Iżid li l-aħħar li ħadem dan ir-raba' ma' missieru kien fl-2010 meta bdiet tmajna saħħet missieru. Jgħid li anke meta ma' kienx jaħdem din l-għalqa huwa xorta kien imur fiha u jaqta' xi fjur tal-Ingliża għat-tiġieġ, inaddaf, u jieħu ħsieb il-ħitan. Iżid li bejn Ottubru/Novembru 2018 huwa kien ħa xi ħamrija f'din l-għalqa peress li din kellha ħafna blat. Jannetti fattura u riċevuta għal-ħlas li huwa għamel għal dan lil *Road Construction Limited*.[14] Jirreferi għar-ritratt "B" mar-Rikors Ġuramentat[15] fejn jidhru l-munzelli tal-ħamrija li kien daħħal fir-raba'. Iżid li f'Marzu tal-2019 ċertu Maurice Axiak, bennej, avviċinah u qallu li r-raba' ta' "Wied ta' Martin" messu biegħha lilu mhux lil ta' Grech. Jgħid li huwa qallu li ma' kien biegh xejn. Jgħid li hawn infurmah li kien hemm xi siġar fiha. Iżid li dak il-ħin stess huwa mar hemm u beda jneħħi dawn is-siġar. Jgħid li min dakinhar baqa' jmur kull ġimgħa sabiex jara li ħadd ma' jidħol fir-raba' tiegħu. Jgħid li fil-fatt ħadd ma' resaq l-hemm. Jgħid li fit-18 ta' April, 2019 huwa u ħuh ħartu l-għalqa sabiex tinżera qargħa ħamra. Jgħid li l-għada firex pajpijiet tad-drip. Iżid li jumejn wara kollox kien għadu f'postu iżda jumejn oħra wara dan l-istess bennej li kien qallu bis-siġar infurmah li kienu qalgħulu l-pajpijiet tad-drip. Jgħid li huwa mar u sab li dan kien minnu. Iżid li l-għada ċempillu s-Surġent PS559 u talbu jmur l-għassa. Jghid li wara li rrisponda xi mistoqsijiet tas-Surġent dan ordnalu ma' jersaqx lejn l-għalqa u jkellem avukat. Jgħid li ilu min dakinhar ma' jidħol fl-għalqa. Jikkonkludi billi jgħid li qabel dan huma qatt ma' ġew ostakolati jidħlu f'dan ir-raba'. Jgħid li r-raba dejjem kien f'idejn il-familja tiegħu u ħadd aktar. Iżid li jaf li kienu l-konvenuti li daħlu fir-raba' tiegħu għax jaf li Maria Concetta Grech riedet tixtri parti minn dan ir-raba' mingħand ommu. Jgħid li dawn anqas ċaħdu li daħlu f'dan ir-raba'.

**In kontro-eżami,**[16] xehed illi oriġinarjament l-għalqa kienet f'idejn nannuh b'ċens ta' 100 sena. Jgħid li ċ-ċens kien għalaq u huma baqgħu

[12] Fol 44 sa 46, b'dokumenti a fol 47 sa 49.
[13] Dokument a fol 4.
[14] Fattura a fol 48 u ricevuta a fol 49.
[15] Ritratt a fol 5.
[16] Fol 102 sa 110.

jaħdmu l-għalqa. Jgħid li l-qbiela dejjem ħallsuha lil Mizzi, l-ewwel il-missier imbagħad lill-ibnu Alessio. Jgħid li nannuh kien għaddieha lill-missieru li wara għaddiha lilu. Jgħid li huwa baqa' jaħdimha flimkien ma' ħuh sa' ma daħallu xi ħadd ġo fiha. Jgħid li kemm wara li għalaq iċ-ċens u minkejja l-proċeduri ta' reġistrazzjoni (fejn jgħid li mad-dipartiment ma' setgħax isib informazzjoni li rid) huma dejjem baqgħu jaħdmu din ir-raba'. Iżid li qatt ma' basar li ser jidħlulu fiha. Jgħid li huwa ma' ġabx permess minn xi awtorita' sabiex idaħħal il-ħamrija fl-għalqa iżda dan għax ma kienx jaf li kien hemm xi neċessita għal dan, mhux għax kien mgħaġġel kif suġġerit lilu. Jinsisti li huma baqgħu jaħdmu u jieħdu ħsieb l-art in kwistjoni ħlief għal żmien qasir meta ddeċieda li jġib vieġġi tal-ħamrija sabiex iwittiha. Jikkonferma li meta kellmu Paul Debono rigward xi siġar li tħawwlu fl-għalqa tiegħu huwa kien diġa jaf b'dan għax kien diġa kellmu Maurice Axiaq. Jikkonferma li Paul kien semmilu xi qasab wieqaf. Jgħid li huwa waqaf biss jidħol fl-għalqa fuq ordni tal-pulizija għax kieku kien jibqa jidħol għax hemm tagħhom. Jgħid li l-pulizija kien qallu li l-konvenuti ppreżentaw xi karti tal-2018 jew l-2019 skont liema l-għalqa kienet tgħajjat lilhom.

**Joe D'Emanuele**, ħabib ta' l-attur, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[17] Jgħid li huwa ilu jaf lill-attur Raymond Grech minn tfulitu għax kienu l-iskola flimkien. Iżid li jiftakar lil missier Raymond, Anthony Grech, jaħdem ir-raba' wara l-Knisja tal-Patrijiet biswiet liem' raba' kien hemm ukoll għalqa li kienet tintuża bħala ground tal-football mit-tfal. Iżid li jaf lil missier Raymond Grech jaħdem ir-raba' ukoll għaliex fil-viċin kien hemm mansab li huwa kien ikun fih ta' kuljum f'Ottubru u lil missier Raymond biss kien jara hemm.

**Paul Debono**, ħabib ta' l-attur, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[18] Jgħid li huwa ilu jaf lill-attur Raymond Grech minn tfulitu. Jgħid li huwa kien juża mansab eżatt maġenb l-għalqa ta' missier Raymond. Iżid li għalhekk huwa kien ta' spiss jara lil Anthony Grech, missier l-attur, jaħdem din l-għalqa. Jgħid li maż-żmien minflok lil Anthony Grech beda' jara lill-ibnu, l-attur Raymond Grech f'din l-għalqa. Jgħid li lil Raymond Grech kien jarah fl-għalqa kemm fi żmien l-insib iżda wkoll mid-dar tiegħu li tinsab ferm qrib din l-għalqa. Jannetti pjanta li fuqha jindika d-dar tiegħu kif

[17] Fol 54.
[18] Fol 55 sa 56, b'dokument a fol 57.

ukoll l-għalqa.[19] Jispjega li f'din l-għalqa l-ewwel kien jara lill-missier l-attur, Anthony Grech, u maż-żmien beda jara lill-attur Raymond Grech, xi drabi wkoll ma' ħuh Joseph Grech. Jgħid li lejn l-2015 kien innota xi xogħol ta' kostruzzjoni għaddej qrib din l-għalqa u peress li ssuspetta li setgħu daħlu fl-għalqa kien ċempel lil Raymond u nfurmah. Jghid li wara dan, Raymond kien ċempel jirringrazzjah. Iżid li fl-2018 ra wkoll xi trakkijiet idaħħlu l-ħamrija fir-raba' u reġgħa ċempel lill-attur li nfurmah li dak kien fuq ordni tiegħu. Ikompli li lejn Frar/Marzu 2019 innota li fl-għalqa kien inzera' xi ħaġa għax ra' l-qasab wieqaf. Jgħid li hawn reġgħa kellem lil Raymond Grech li kien jidher li jaf b'dan. Iżid li dakinhar stess ħafna mil-qasab wieqaf tneħħa iżda ma' jafx min minn. Iżid li lejn l-aħħar ta' April 2019 Raymond infurmah li Maria Concetta Grech u n-neputijiet tagħha pruvaw jeħdulu dik l-għalqa u li llum huwa jara proprju lil dawn fl-għalqa.

**In kontro-eżami**,[20] jgħid illi għalkemm bejn id-dar tiegħu u l-għalqa in mertu hemm distanza huwa jara sew. Mistoqsi jiddeskrivi l-kulur t'għajnejn ġuvni li jsemmi fl-affidavit tiegħu li ra fl-għalqa jgħid li dan ma' jistax jgħidu stante d-distanza. Jghid li huwa ra n-nies u rrikonoxxa lil dawk li kien jaf minnhom. Jgħid li huwa raha stramba li kien hemm dawn in-nies fl-għalqa għax dawn mhux in-nies li ilu jaf hemm għal-tletin (30) sena. Jgħid li huwa hemmhekk jaf lil Anthony (missier l-attur) u uliedu. Jikkonferma li lill-attur, Raymond, ċempillu l-ewwel darba meta beda t-tħammil u qallu li messewlu l-ħajt tas-sejjiegħ. Jgħid li ftit wara Raymond ċempillu, rringrazzjah u qallu li kien irranġa mal-bennej. Jikkonferma wkoll li kellmu darb'oħra meta ra' il-vjeġġi tal-ħamrija ġejjin, u hawn Raymond qallu li dak kien fuq struzzjonijiet tiegħu. Jikkonferma wkoll li reġgħa kellmu meta ra' xi nies iħawwlu u ra' l-qasab wieqaf fejn hawn Raymond urih li kien diġa jaf u qallu li kienu qed jippruvaw jeħdulu l-għalqa. Jinsisti li l-għalqa dejjem inħadmet minn missier Raymond, Raymond u huh Joseph. Jgħid li saħansitra hu ġieli mar qata' l-imżiewed tal-ful minnha.

**In kontro-eżami**,[21] jinsisti li hemm jaf lil missier Raymond u li huwa minn Raymond ma jiġi xejn iżda huma biss ħbieb.

[19] Pjanta a fol 57.
[20] Udjenza tal-10 ta' Gunju, 2021.
[21] Udjenza tal-10 ta' Gunju, 2021.

**Maurice Axiaq**, bennej, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[22] Jgħid li fl-2014 xtara biċċa art fi Triq Sant' Antnin magħrufa bħala "Il-Ħotba ta' San Ġwann" f'Għajnsielem li huwa bena f'dar. Jannetti pjanta li turi din il-biċċa art u l-għalqa mertu ta' din il-vertenza biswiet tagħha.[23] Jgħid li waqt li kien jibni tefa' xi terrapien fl-għalqa u dlonk ġew kellmuh l-attur Raymond Grech u ħuh Joseph. Jgħid li huwa assigurhom li ma' ridtx problemi u eventwalment neħħa' it-terrapien. Jgħid li minn dakinhar lil Raymond Grech baqa' jkellmu fejn jarah. Iżid li lejn l-aħħar tal-2018 Raymond kien ġab diversi vjeġġi ħamrija f'din l-għalqa li kien jaħdem. Jgħid li fi Frar jew Marzu 2019 ra lil Zaren, Wistin, Maria Concetta u James George Grech iħawlu xi siġar taż-żebbuġ fl-għalqa li kien jaħdem Raymond. Jgħid li rrabja għax kien pretenda li jekk kellu jbiegh Raymond kien javviċina lilu. Jgħid li xi jiem wara ra' lil Raymond il-pjazza ta' Għajnsielem u qallu b'dan. Jgħid li Raymond baqa' jħares lejh u qallu li ma' kienx qed jemmen dak li kien qed jgħidlu u li kien sejjer jaħrat l-istess għalqa. Iżid li mar ma Raymond u x'ħin waslu l-għalqa Raymond infixel, daħal fl-għalqa u beda jaqla' ż-żebbuġ. Jgħid li lejn nofs April kien ra lil Raymond jifrex il-pajpijiet fl-għalqa tiegħu u jiżra. Jgħid li waqaf ikellmu u ħallieh li kien għadu jaħdem. Iżid li xi 4 t'ijiem wara mar fuq il-post tiegħu biswit l-għalqa ta' Raymond u nnota li l-pajpijiet fl-għalqa ta' Raymond kienu nqalgħu. Jgħid li min dakinhar hu ma' rax aktar lil Raymond fl-għalqa iżda lil persuni li semma qabel. Iżid li l-istess Grech li ra jħawlu s-siġar taż-żebbuġ fl-għalqa ta' Raymond kienu wkoll kellmu lilu fuq għalqa li jaħdem biswiet dik ta' Raymond fejn qalulu joħroġ minnha għax kienu xtrawa huma. Jgħid li huwa kien fl-għalqa bil-permess tas-sid preċedenti (Wenzu) li kien ċedihielu u nfurmagħhom li mingħajr ma' juruh kuntratt ma' kienx ser joħroġ. Iżid li dak li qed jagħmlu ma' Raymond Grech huwa l-istess li għamlu miegħu.

**In kontro-eżami**,[24] xehed illi huwa kien ħa għalih fuq Raymond Grech meta ħasab li biegħ lill-konvenuti Grech mentri lilu, f'xi l-1996 meta kien qiegħed jibni, kien mar għalih meta poġġa xi vjeggi fl-għalqa. Jgħid li meta ra ż-żebbuġ mħawwel mar qal lill Raymond li nfurmah li huwa kien sejjer jaħrat l-għalqa. Jinsisti li lilu għamlulu l-istess bl-għalqa li ċedielu terz (ċertu Wenzu) wara fejn bena. Jgħid li qalulu ma' jaħdimx l-istess għalqa għax kienu xtrawha huma. Jgħid li sabiex joħroġ talabhom jara kuntratt. Jgħid li meta mar l-awtorita' jiċċekja fuq l-art li kien jaħdem

[22] Fol 58 sa 60, b'dokument a fol 61.
[23] Pjanta a fol 61.
[24] Udjenza tal-10 ta' Gunju, 2021.

huwa, ta' Raymond kienet tidher miżrugħa. Jinsisti li huwa mhux għax kellu interess jixtri l-art ta' Raymond wera' li kien irrabjat għalih imma għax Raymond kien mar għalih meta tefgħa t-terrapien mentri mbagħad huwa ħaseb li lill-konvenuti addirittura biegħilhom. Moqri parti mill-affidavit tiegħu fejn iddikjara li huwa ħa' għalih għax pretenda li jekk Raymond kellu jbiegħ kien l-ewwel joffri lilu, jinsisti li huwa bil-flus ma' rid jixtri xejn. Jinsisti li ħa għalih għax Raymond mar għalih bl-herra meta huwa tefgħa xi ramel. Jgħid allura lilu ma' riedux imma lil ħaddiehor tagħhielu. Jinsisti li għalkemm huwa ma' jafx hemmhekk ta' minn hu, jaf li hemm dejjem Raymond u missieru ħadmuh. Iżid li meta ra s-siġar taż-żebbuġ qal lil Raymond u marru fl-għalqa flimkien. Jgħid li ma' jafx hemmx spira, bir, jew ġibjun fl-għalqa ta' Raymond għax huwa qatt ma daħal fiha u t-terrapien kien poġġieh mal-qasma.

**PS 664, Jason Xerri**, xehed[25] illi huwa ha' rapport mingħand l-intimat James George Grech nhar id-9 ta' Marzu, 2019 rigward 35 siġra taż-żebbuġ li nqalgħu min għalqa magħrufa bħala ta' "Wied ta' Martin" li tinsab fl-akwati ta' Triq Sant' Antnin, Għajnsielem wara li kien ilhom imħawwlin xi xahrejn u nofs. Eżebixxa kopja tar-rapport. Jgħid li huwa ma' ħa ebda passi addizzjonali u dan għaliex James George Grech qallu li ma' jissuspetta f'ħadd. Iżid li huwa ħa r-rapport biss għal skopijiet ta' *record*.

**PS 559, Jason John Spiteri**, xehed[26] illi huwa ha' rapport mingħand l-intimata Jessica Ann Grech nhar l-24 ta'April, 2019. Eżebixxa kopja tar-rapport. Jghid li Jessica Ann Grech irrappurtat li għandha għalqa qrib Triq Sant' Antnin fejn xi ħadd qabad u daħal fiha, ħaratha u nstalla pajpijiet tad-drip ta' l-ilma. Jgħid li żiedet li dina ma tafx min għamlu imma hija qalgħet il-pajpijiet u xeħtithom għal ġenb. Iżid li wara nfurmatu li tissupetta f'Raymond Grech. Jgħid li għalhekk sejħu għal Raymond Grech. Iżid li kellmuh u dana stqarr li daħal hemm, ħarat l-għalqa, żargħha u għamel il-pajpijiet għax hemmhekk tiegħu u ilha għand il-familja tiegħu għal' fuq minn 60 sena.

[25] Fol 62 sa 63 bir-rapport a fol 64 sa 65.
[26] Fol 81 sa 84 bir-rapport a fol 85 sa 86

**Jason Spiteri,** eks impjegat ta' *Road Construction limited*, xehed[27] illi fiż-żmien ikkonċernat huwa kien jaħdem bħala xufier ma' *Road Construction Limited*. Jgħid li lill-attur Raymond Grech jafu mir-raħal kif ukoll għax l-imgħallem li kellu fil-kumpanija msemmija kien bgħatu jħottlu xi ħamrija. Jgħid li kien ċempel lil Raymond u dan spjegalu fejn irid imur bil-vjeġġi. Iżid li dan kien f'għalqa n-naħħa tal-Patrijiet. Jgħid li ħattew il-ħamrija fl-għalqa ta' Raymond u wittewha. Muri r-ritratt meħud mill-ajru a fol 61 tal-proċess jagħraf l-għalqa ta' Raymond bħala dik immarkata bl-aħmar. Jgħid li miegħu dakinhar kien hemm ukoll ċertu Andre' Saliba u oħrajn. Jgħid li l-ħatt u twittija tal-ħamrija sar bejn Ottubru u Novembru 2018.

**Andre' Saliba**, impjegat ma' *Road Construction limited*, xehed[28] illi huwa jaħdem bħala xufier ma' *Road Construction Limited*. Jgħid li lil Raymond Grech ħattewlu xi ħamrija ġo tiegħu f'Għajnsielem, tal-Patrijiet. Iżid li dan kien xi 3 snin qabel (fl-2018). Jgħid li l-imgħallem bagħthom lejn tal-Patrijiet mbagħad Raymond urihom fejn iħottu. Muri r-ritratt meħud mill-ajru a fol 61 tal-proċess jagħraf l-għalqa ta' Raymond bħala dik immarkata bl-aħmar. Jgħid li huwa ma' ra lil ħadd għajr lil Raymond f'din l-għalqa.

**Victor Hili**, direttur tal-kumpanija *Road Construction limited*, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[29] Jgħid illi Raymond Grech talabhom iġorru xi ħamrija f'għalqa li tinsab wara l-Knisja tal-Patrijiet f'Għajnsielem. Jgħid li dan ix-xogħol sar bejn Ottubru u Novembru, 2018. Iżid li x-xogħol sar mill-ħaddiema tiegħu Andre' Saliba u Geoffrey Spiteri. Iżid li kienu wkoll wittew il-ħamrija. Jgħid li nħarġet fattura u din tħallset minn Raymond Grech. Jannetti kopja tal-fattura u l-irċevuta.

**Angelo Cutajar**, sieħeb il-konvenuta Jessica Anne Grech, xehed[30] illi fl-2016 Jessica talbitu jgħin jaħdmu għalqa f'Għajnsielem u huwa mar. Jgħid li l-għalqa ma' kienitx maħduma. Iżid li naddfu l-ħaxix ħażin u għamlu xi affarijiet għal-fniek u tiġieġ. Jgħid li mbagħad fl-2018 sabu t-trab fuqha. Muri r-ritratt "B" mar-Rikors Ġuramentat a fol 5 tal-proċess jgħid li dak meta ntefgħa t-trab fuq l-għalqa u għamlulu l-ħsara għax kellu ż-żera.

[27] Fol 87 sa 92.
[28] Fol 93 sa 96.
[29] Fol 99, b'dokumenti a fol 100 sa 101.
[30] Fol 131 sa 138.

Jgħid li wara dan, fil-bidu ta' l-2019, huma xtraw iż-żebbuġ u ħawwluh. Jgħid li wara xahrejn li ħawwlu ż-żebbuġ xi ħadd kien daħal u qaċċathom b'imqas minn isfel. Iżid li minn 40 siġra taż-żebbuġ irnexxilu jsalva 23 li għadhom hemm. Jgħid li wara li tqaċċat iż-żebbuġ xi ħadd ħarat l-għalqa u għamel il-pajpijiet tad-drip ta' l-ilma. Iżid li huma neħħew il-pajpijiet.

**In kontro-eżami**,[31] jgħid illi r-raba' hija ta' Jessica. Suġġerit lilu li dak li huwa qal li hu żera' li jidher fir-ritratt "B" m'hu xejn ħlief ħaxix ħażin jgħid li huwa l-għalqa ma' joqogħodx inaddafha. Iżid li huwa kemm tefgħa iż-żera addoċċ. Jgħid li il-munzelli ħamrija ntefgħu hemm fl-2018 iżda ma' jafx min minn. Iżid li l-munzelli baqgħu hemm sal-2019. Jgħid li huma ħawlu iż-żebbuġ wara li wittew dawk il-munzelli. Jgħid li minn tefgħa l-munzelli ma' jafx, pero' wettewhom huma. Iżid li wara li wittew il-ħamrija huwa ħawwel iż-żebbuġ u wara dan xi ħadd qaċċathom. Iżid li wara April 2019 huma marru u qalgħu l-pajpijiet tad-drip. Jgħid li dan kien lejn l-aħħar nofs ta' April 2019.

**Jessica Ann Grech**, waħda mil-konvenuti, xehedet bil-proċedura tal-affidavit.[32] Tgħid illi fl-2008 il-ġenituri tagħha akkwistaw żewġ plots biswiet ir-raba' in mertu. Iżżid li dawn bnewhom fl-2011 u hija, ħuha u nannitha kienu jkunu hemm kważi kuljum peress li l-ġenituri tagħha kienu msiefrin. Tgħid li r-raba in mertu kien abbandunat. Tgħid li l-ġenituri tagħha għamlu r-riċerki sabiex jakkwistawh. Tgħid li kienu ħasbu li din kienet tal-ġenituri ta' l-attur Raymond Grech iżda dawn infurmawhom li ma' kienitx tagħhom u ma' kellhomx karti għalija. Tgħid li fl-2016 hi, seħibha Angelo Cutajar, u ħuha James George Grech iddeċidew li jibdew jaħdmuha. Tgħid li kienu għamlu fiha żera għal-fniek u t-tiġieġ. Tgħid li sentejn wara, għall-aħħar ta' Novembru 2018, xi ħadd tefgħa xi ħamrija fiha u anke għamlilhom il-ħsara fiż-żera. Tgħid li huma talbu lil ċertu Sammy Attard iwitti din l-istess ħamrija iżda dan bagħthom għand xi ħadd ix-Xagħra magħruf bħala Ta' Kawja. Tannetti ritratt li juri lil Ta' Kawja fuq inġenju fl-għalqa.[33] Tgħid li dan kien fil-5 ta' Jannar, 2019 meta dakinhar stess huma ħawlu 40 siġra taż-żebbuġ. Tannetti kopja ta' irċevuta għal dawn l-istess 40 siġra.[34] Iżżid li 'l fuq minn xahrejn wara ħuha kien mar l-għalqa fejn sab bosta min dawn is-siġar imqaċċtin. Tgħid li għalhekk għamel rapport l-għassa. Tgħid li huma kienu ssuspettaw

[31] Fol 138 sa 145.
[32] Fol 147, b'dokumenti a fol 148 sa 150.
[33] Fol 148.
[34] Fol 149.

f'Maurice Axiaq peress li xi xhur qabel kellhom diżgwid miegħu. Tgħid li wara saru jafu li kien Raymond Grech. Iżżid li mis-siġar taż-żebbuġ baqa' 23 waħda. Tgħid li fid-19 ta' April, 2019 hija marret fl-għalqa u sabet xi pajpijiet suwed li ma' kienu konnessi ma' xejn. Tgħid li hi kkunsidrathom skart u neħħithom. Tannetti ritratti tal-pajpijiet.[35] Iżżid li l-pajpijiet ma kellhom ebda skop għax fl-għalqa m'hemmx ilma stante li la hemm bjar u anqas spieri, ġwiebi, jew tankijiet. Tgħid li kien evidenti li dawn kienu "messa in xena". Iżżid li għamlet rapport dwar il-pajpijiet.

**In kontro-eżami**,[36] tgħid illi fi żmien li kienu jibnu fejn ir-raba' in mertu huma kienu jafu li r-raba' in mertu mhux tagħhom għax kienu qed ifittxu ta' minn hi sabiex jixtruha. Tikkonferma li b'li qalet li r-raba' kien fi stat ta' abbandun tfisser li ħadd ma' kien jaħdmu, anqas il-ġenituri tagħha. Murija r-ritratt "B" mar-Rikors Ġuramentat a fol 5 tal-proċess tgħid li l-ħaxix li jidher hemm huwa żera. Tgħid iżda li ma' tafx ta' xiex inhi ż-żera. Suġġerit lilha li ma' jistax ikun żera għax madwaru hemm ħaxix ħażin niexef mis-snin ta' qabel tgħid li mhux tara ħaxix ħażin niexef.  Fuq indikazzjoni ulterjuri tikkonferma li qed tara ħaxix ħażin niexef. Tgħid iżda li ż-zerriegħa nxterdet fejn ġie ġie; bl-idejn. Mistoqsija jekk tafx li aktar tard il-ġenituri tagħha għamlu kuntratt fejn iddikjaraw li r-raba' in mertu ilha f'idejhom 30 sena tgħid li ma' tafx b'dan.

**James George Grech,** wieħed mil-konvenuti, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[37] Bl-affidavit tiegħu jikkonferma dak ta' oħtu, l-konvenuta Jessica Ann Grech.

**In kontro-eżami**,[38] jgħid illi meta bnew huma bdew minn taħt l-art u dan fl-2011 meta l-art ma' kien jaħdimha ħadd. Jgħid li allura fl-2011 anqas il-ġenituri tiegħu ma' kienu jaħdmuha. Mistoqsi jekk jafx b'kuntratt li għamlu l-ġenituri tiegħu sabiex bih trasferew din l-art lilu u lill-oħtu b'titolu ta' donazzjoni jgħid li jaħseb li jaf bih. Jgħid li ma' jafx x'jgħid il-kuntratt rigward provenjenza. Muri r-ritratt "B" mar-Rikors Ġuramentat a fol 5 tal-proċess jgħid li jaraf li hemm ħaxix ħażin niexef mis-snin ta' qabel. Suggerit lilu li l-ħaxix li jidher fir-ritratt m'huwiex riżultat ta' xogħol xi bniedem li ħarat u żergħa l-art jgħid li dik żergħa. Mistoqsi

[35] Naha ta wara tal-Fol 148 u fol 150.
[36] Udjenza tal-1 ta' Frar, 2022.
[37] Fol 151.
[38] Udjenza tal-1 ta' Frar, 2022.

ulterjorment x'żergħa hi jgħid li ma' jistax jgħid x'inhu l-ħaxix li jidher fir-ritratt. Mistoqsi ulterjorment, inkluż bil-lingwa Ngliża, jghid li dak huwa ħaxix.

**Arthur Bajada**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Bidja, Uffiċju tal-Pagamenti, xehed[39] illi r-raba' in mertu ġie arkivjat mis-sistema fl-2011 stante li fis-sentejn ta' qabel ma' kienet saret ebda applikazzjoni għas-sussidju. Jgħid li qabel dan, dan ir-raba' kien irreġistrat f'isem Antonio Grech u dan mis-27 ta' April, 2003 sa Jannar, 2011, meta tneħħa mis-sistema. Jippreżenta kopja tad-dokument relattiv. Jgħid li llum dan ir-raba' huwa reġistrat f'isem Jessica Ann Grech u ilu hekk reġistrat sa' mit-28 ta' Lulju, 2021. Jgħid li b'din l-aħħar reġistrazzjoni l-kejl superfiċjali tar-raba' żdied għax mar-raba' oriġinali żdidet biċċa oħra. Jippreżenta dokumenti relattivi għal dan.

**In kontro-eżami**, jgħid illi l-unika raġuni għalfejn ġiet ikkanċellata r-reġistrazzjoni fl-2011 kienet għax ma' saritx talba għas-sussidju. Jgħid li huma jaraw art hijiex tinħadem jew le biss jekk issir applikazzjoni għas-sussidju, mhux ukoll jekk issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Jgħid li f'dan il-każ ma' ċċekjawx ir-raba' hux jinħadem jew le. Iżid li huma aċċettaw l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' Jessica Ann Grech għax dakinhar li saret l-istess applikazzjoni ma' kien hemm ħadd irreġistrat fuq dan ir-raba'. Jiċċara li meta xi ħadd japplika sabiex jiġi reġistrat, l-applikazzjoni ma' ssirx pubblika sabiex ħadd iehor ikollu l-opportunita' joggezzjona. Jinsisti li fuq talba għal reġistrazzjoni, jekk ma' jinstab ħadd reġistrat fuq prozjon art, huma jaċċettaw ir-reġistrazzjoni. Jgħid ukoll li huma jagħmlu verifiki jekk art hix tinħadem jew le biss jekk issir talba għas-sussidju.

**In re-eżami**, jgħid li sussidju jikkonsisti f'assistenza f'forma ta' ħlas magħmul in parte mill-Gvern u in parte mill-Unjoni Ewropea lil min jaħdem ir-raba'. Jgħid li bejn l-2011, meta huma kkanċellaw ir-reġistrazzjoni li kien hemm sa mill-2003, u l-2021 ħadd ma' kien ittenta jirreġistra r-raba'. Jgħid li b'dan ma' jfissirx li huma jkunu jafu jekk ir-raba' hux jinħadem f'dak iż-żmien.

**Xehed in kontro-eżami ulterjuri,**[40] fejn eżebixxa żewġ dokumenti addizzjonali li juru 6 porzjonijiet art reġistrati f'isem Raymond Grech.

[39] Udjenza tal-1 ta' Frar, 2022.
[40] Udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022.

**Maria Concetta Grech**, waħda mill-konvenuti, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[41] Tgħid li hija tiġi n-nanna tal-konvenuti James George u Jessica Ann Grech. Tgħid li fl-2008 binha George Grech kien xtara prozjonijiet art fl-inħawi ta' "Wied ta' Martin", Għajnsielem. Iżżid li l-bini fuqhom beda lejn l-aħħar tal-2011. Tgħid li wara dawn il-porzjonijiet art kien hemm porzjon raba' mitluq, ir-raba' in mertu. Tgħid li hi saqsiet ta' min hu. Iżżid li kienet infurmata li l-aħħar li nħadmet kienet minn missier l-attur Raymond Grech. Tgħid li kienet marret għand Theresa Grech, omm l-attur, u talbet li tixtri porzjon minn dan ir-raba'. Tgħid li żmien wara niżlet fuq il-post fejn ix-xogħol tal-bini kien wieqaf għal xi żmien għaliex kienu qed jistennew li jingħata bejt. Tgħid li Theresa Grech, omm l-attur, qaltilha li jekk kienu waqqfu l-bini minħabba fihom setgħu jkomplu għax hemmhekk ma' kellhom xejn. Tgħid li wara dan hija kienet sikwit tmur tara l-progress tal-bini u peress li l-bini kien perikoluż kienet tgħaddi mir-raba' in mertu li dejjem baqa' abbandunat u mimli ħaxix ħażin. Tgħid li għal-2016 n-neputijiet tagħha Jessica Ann u James George Grech flimkien ma' sieħeb Jessica Ann, Angelo, iddeċidew li jaħdmu r-raba' in mertu. Tgħid li wara dan lejn l-ahhar tal-2018 bdew il-kwistjonijiet ma' Raymond Grech.

### iii. Mertu

L-azzjoni ta' spoll hija kkontemplata fil-liġi nostrana fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-aritkolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

---

[41] Affidavit mehmuz ma' nota pprezentata seduta stante fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2022 bhala Dok. MCG 1.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oġġett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse*;
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluż dak civili *kemm dak semplicimente naturali u anke dak vizzjuz*.[42]

Ingħad infatti:

*"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[43]

Li huwa meħtieġ, allura, huwa li attur f'kawża ta' spoll jipprova li għandu il-pussess. Jingħad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta waħda huwa suffiċjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u ma' jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.[44]

Il-Qorti hija wkoll konxja tal-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża biex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[45] Huwa għalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi

---

[42] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[43] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[44] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[45] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

tagħmel referenza espressa għall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu. Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-każ *de quo*, l-attur isostni li huwa ilu fil-pussess tar-raba' in mertu sa mill-2010 meta missieru ma' baqax f'saħħtu biżżejjed sabiex ikompli jaħdmu hu. Jgħid ukoll li r-raba in kwistjoni kien fil-pussess ta' missieru u nannuh qablu għal għexerien ta' snin qabel dan.

Sabiex jipprova dan, l-attur minbarra l-verżjoni tiegħu jressaq diversi xhieda li konsistentement jgħidu li fir-raba' in kwistjoni jafu biss lill-attur u familjari tiegħu qablu jew kontemporanjament miegħu. Infatti Joe D'Emanuele u Paul Debono[46], it-tnejn jikkonfermaw li lill-attur ilhom jafuh minn tfulitu. Jikkonfemaw ukoll li qabel l-attur jiftakru lil missieru Anthony Grech fir-raba' in kwistjoni.

Ix-xhud Paul Debono jmur anke oltre billi jgħid li tant huwa jaf dak ir-raba' bħala ta' l-attur illi meta lemah lil ħaddiehor fih huwa dlonk ikkomunika mal-attur sabiex jieħu ħsieb jara x'qiegħed jiġri. Dan jikkonfermah anke in kontro-eżami fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2021.

Ix-xhud Mauice Axiaq[47], jixhed konsistentement billi jgħid illi meta huwa xehed terrapien fuq ir-raba' mertu ta' dawn il-proċeduri, kien l-attur li mar kellmu bħala sid l-art, u dana lura fl-2014 meta x-xhud kien qiegħed jibni fil-viċinanzi. Barra minn hekk il-konvenuti stess jammettu għal'darba, darbtejn, li huma kienu konxji li qabel daħlu fir-raba' in kwistjoni, l-aħħar pussessur magħruf ta' l-istess kien missier l-attur. Mhux hekk biss izda Maria Concetta Grech tixhed[48], li wara li binha xtara porzjonijiet art qrib ir-raba' in kwistjoni lura fl-2008, hija kienet saqsiet ta' minn hi r-raba' in kwistjoni, u wara li ġiet infurmata marret għand omm l-attur sabiex tixtri parti minnu.

Xhieda oħra mportanti hija dik indipendenti tax-xhud Arthur Bajada, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Bidja, mressaq mil-konvenuti. Dan ix-xhud jixhed li fil-fatt, sa' mill-2003 din ir-raba' in kwistjoni kienet

[46] Affidavit a fol 55 u fol 55 sa 57 tal-process
[47] Affidavit a fol 58 sa fol 61 tal-process
[48] Affidavit mahluf fis-seduta ta l-1 ta Frar, 2022

reġistrata fuq missier l-attur. Ir-reġistrazzjoni fuq missier l-attur baqgħet tissussisti sal-2011 meta b'riżultat ta' eżerċizzju amministrattiv rigward id-*database* tar-reġistrazzjonijiet huma, id-Dipartiment tal-Bidja, neħħew xi reġistrazzjonijiet, inkluż dik ta' missier l-attur. Ix-xhud jispjega li din il-bidla seħħet biss stante li fis-sentjen ta' qabel ma' kienx intalab sussidju mill-bidwi rreġistrat iżda dan ma' jfissirix li l-istess raba' ma' kienitx għadha miżjuma mill-familja ta' l-attur.

Ix-xhud ikompli li r-raba' in mertu reġgħa biss ġie reġistrat fl-2021 meta fuq dikjarazzjoni tal-konvenuta Jessica Ann Grech, id-Dipartiment aċċetta li jirreġistra r-raba' in kwistjoni fuq isimha. Ix-xhud jispjega iżda li dan seħħ biss fuq dikjarazzjoni tal-konvenuta Jessica Ann Grech, mingħajr ma' id-dipartiment ikun iċċekja jekk ir-raba' hux jinħadem, u biss għax ir-raba' irriżulta mhux reġistrata għar-raġunijiet ġia msemmija. Dan ifisser li fil-każ *de quo*, huwa ċar li missier l-attur irreġistra l-art, u dana sa' mill-2003. Ir-reġistrazzjoni tneħħiet biss bħala teknikalita', b'riżultat ta' eżerċizzju amministrattiv tad-dipartiment, l-attur ma' ġiex infurmat li tneħħiet u l-konvenuta Jessica Ann Grech ħadet l-opportunita' tirreġistra l-istess f'isimha fl-2021 meta kienet saħanistra matura din il-kawża.

Apparti dan, l-attur ipprova sodisfaċjentement li fl-2018 huwa ha' passi sabiex ameljora r-raba' in kwistjoni billi daħħal fih ħamrija addizzjonali sabiex jgħatti blat li kien hemm u b'hekk ikun hemm wiċċ akbar għal-ħidma. Fuq dan, ser isiru osservazzjonijiet ulterjuri aktar il-quddiem.

Minn naħħa tagħhom il-konvenuti jsostnu li familjari tagħhom akkwistaw żewġ porzjonijiet art quddiem ir-raba' mertu ta' din il-vertenza fl-2008 u żviluppaw l-istess mill-2011 il-quddiem. Isostnu li f'dan iż-żmien ir-raba' wara dawn il-porzjonijiet art li kienu qed jiżviluppaw kienet abbandunata u mhux maħduma. Jgħidu li għalhekk fl-2016 iddeċidew li jaħdmuha u hekk għamlu. Iżidu li mbagħad fl-2018 sabu vjeġġi tal-ħamrija rbulati fir-raba', ma' kienux jafu kif dawn ġew hemm u wittew l-istess. Ikomplu li wara li wittew il-ħamrija ħawlu s-siġar taż-żebbuġ li mbagħad tqaċċtu mill-attur.

Apparti li dan jikkuntrasta mal-kumplament tax-xhieda mressqa mill-attur huwa minnu li l-attur inniffsu jammetti li kien hemm xi żmien fejn ir-raba' baqgħet ma' nħadmitx pero dan ma' jfissirx li l-attur ma' kienx imur l'hemm u għalhekk ma kellux il-pussess meħtieġ.

Barra minn hekk il-Qorti tinnota li filwaqt li x-xhieda mressqa mill-attur kienu konsistenti, l-konvenuti ma' rnexxilhomx jippruvaw xi tip ta' pussess, la passat u wisq anqas fi żmien ta' l-allegat spoll. Wisq anqas irnexxilhom jippruvaw li l-attur ma' kellux il-pussess neċessarju sabiex jeżerċita' id-drittijiet mogħtija lilu mil-Qorti bil-proviżjonijiet relattivi għall-azzjoni ta' spoll.

Ir-ritratt eżebit mil-konvenuta' Jessica Ann Grech mal-affidavit tagħha a fol 148 tal-proċess tassew juri persuna fuq inġenju tar-raba' ġewwa għalqa, pero' tali persuna li tidher fir-ritratt imsemmi kellha semmai titressaq tixhed, xi ħaġa li ma' saritx.

Rigward it-tneħħija tas-siġar taż-żebbuġ mill-attur il-konvenuti jittentaw jallegaw li l-attur ħa l-liġi b'idejh tant li anke jqajmu l-eċċezzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti mhijiex ser tissofferma ruħa fit-tul fuq dan. Tgħid sempliċiment li kif ingħad f'diversi sentenzi tal-Qorti tagħna, meta l-azzjoni tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll, tkun ġustifikata.[49] Għalhekk, f'każi simili l-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-attur kellux pussess u allura jekk kellux dritt jirrespingi l-ispoll 'purche' l-azzjoni tkun proporzjonata (fis-sens li jerġa' jpoġġi l-affarijiet għall-istat li kienu qabel l-ispoll) u immedjata.[50]

Il-Qorti jidhrilha li dan il-principju ġie żviluppat biex iservi ta' difiża għal min ikun ġie spoljat mill-pussess tal-ħaġa u jirreaġixxi billi jerġa' jistabilixxi l-*'istatus quo ante'* fis-sens li jerga' jakkwista l-pussess tal-ħaġa li jkun ġie spoljat minnha. Minħabba f'hekk l-azzjoni trid tkun immedjata għall-ispoll kommess. Dan anke għaliex il-ġurisprudenza ħadet kont tal-fatt illi n-natura umana hija li hi u huwa naturali li l-bniedem jirreaġixxi b'dan il-mod. Madankollu l-Qrati ma jistgħux jippermettu li l-ispoljat jieħu l-liġi f'idejh la b'mod sproporzjonat u lanqas wara li jgħaddu l-ġimgħat fuq l-ispoll oriġinali (dejjem jekk dan sar).

Fil-każ tal-lum jirriżulta li kemm Paul Debono kif ukoll Maurice Axiaq innutaw li xi ħadd kien ħawwel xi siġar fir-raba' li huma kienu jafu bħala tal-attur. Għalhekk infurmaw b'dan lill-attur li, dakinhar stess mar fuq il-post akkumpanjat minn Maurice Axiaq u beda jqaċċat is-siġar taż-żebbuġ.

---

[49] Irreferi ghad-decizjoni moghtija fl-Appell nhar is-16 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet ***Pellegrini Petit vs Sammut'*** mil-Prim'Awla nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut'***, u; mil-Prim'Awla nhar l-24 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet ***Alfred Fenech et vs Anthony u Francesca Galea et***.

[50] Irreferi ghad-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla nhar l-24 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet ***Alfred Fenech et vs Anthony u Francesca Galea et***.

Hija għalhekk l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-aġir tal-attur f'dan is-sens kien immedjat u proporzjonat u għalhekk fil-parametri addetti.

Il-Qorti tagħmel ukoll aċċenn għax-xhieda ta' Alexis sive Alessio Mizzi li kien jiġbor iċ-ċnus tal-Knisja fl-inħawi. Huwa minnu li in kontro-eżami fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2021 dan ix-xhud jgħid li ma' jistax bi preċiżjoni jindika fejn kienu l-porzjonijiet tal-art ta' kull minn kien iħallas iċ-ċens għar-raba ta' wara l-Knisja tal-Patrijiet f'Għajnsielem. Madanakollu, isem il-familjari tal-attur jirriżultaw fid-dokumenti eżebiti min dan ix-xhud mal-affidavit tiegħu a fol 34 sa 37 tal-proċess mentri dak tal-konvenuti ma' jirriżultawx.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet li fil-każ in eżami, din il-Qorti, għalkemm għandha żewġ verżjonijiet konfliġġenti għal xulxin, hija konvinta li l-attur kellu għal finijiet ta' din il-kawża il-pusses tal-art mertu tal-kawża. Konklużjoni li l-Qorti waslet għaliha wara li kellha l-opportunita' li tirrifletti fuq ix-xhieda tal-partijiet u xhieda addizzjonali mressqa minnhom kif ukoll id-dokumenti miġjuba quddiemha.

Dan magħdud, jibqa' allura l-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – ***spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess. Jibqa' wkoll il-kwistjoni tat-terminu tal-azzjoni – *infra bimester deduxisse* li ser jiġi kkunsidrat hawn aktar il-quddiem.

*Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [51]

Mill-assjem tal-provi u mill-kunsiderazzjonijiet diġa magħmulha *supra* rigward il-pussess, il-Qorti tislet li l-attur mhux biss irnexxilu jikkonvinciha li kellu l-pussess rikjest fiż-żmien in kwistjoni iżda wkoll li ġie spoljat mill-istess meta tneħħew il-pajpijiet tad-drip li poġġa fir-raba' in mertu u sar rapport kontrih lill-pulizija wara liema, fuq struzzjonijiet tal-pulizija, huwa ma' resaqx aktar l'hemm iżda pproċeda b'din l-istanza.

[51] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

L-attur irnexxilu jipprova dan bix-xhieda tiegħu u xhieda ta' terzi ndipendenti li ressaq u li kkonfermaw li kien biss wara l-inċidenti tas-siġar taż-żebbuġ u tal-pajpijiet tad-drip li flok l-attur bdew jaraw lill-terzi fir-raba' in mertu.

Li l-pajpijiet tneħħew mil-konvenuti jew xi ħadd minnhom tammettih il-konvenuta Jessica Ann Grech nfisha fl-affidavit tagħha a fol 147 sa 150 tal-proċess kif konfermat ukoll minn ħuha, il-konvenut l-ieħor James George Grech, bl-affidavit tiegħu a fol 151 tal-proċess, fejn din tgħid li fid-19 ta' April, 2019 marret fl-għalqa, sabet il-pajpijiet, iddeċidiet li kienu skart, u neħħithom.

Il-Qorti tasal għalhekk għal konklużjoni li tali azzjoni tal-konvenuti tammonta għal spoll u tissodisfa t-tieni element tal-azzjoni, l-i*spoliatum fuisse*.

Rigward it-tielet element sabiex tirnexxi l-azzjoni, l-*infra bimester deduxissi*, il-Qorti tosserva illi fuq il-kwistjoni ta' meta seħħ l-att spoljattiv li wassal għal din il-vertenza, il-konvenuta Jessica Ann Grech tiddikjara li hija sabet l-pajpijiet fir-raba' in kwistjoni u neħħiet l-istess nhar id-19 ta'April, 2019. Dan jikkonfermah wkoll ħuha, l-konvenuta James George Grech.

L-attur, minn naħħa l-oħra, jixhed li huwa u ħuh marru ħartu r-raba' in kwistjoni nhar it-18 ta'April, 2019 sabiex din tinzera qargħa ħamra. Jixhed ulterjorment li l-għada firex pajpijiet tad-drip, li jumejn wara kollox kien għadu f'postu, iżda jumejn oħra wara dan Maurice Axiaq, infurmah li kienu qalgħulu l-pajpijiet tad-drip.

Tenut kont tal-kronologija tal-fatti, din l-azzjoni ġiet intavolata nhar id-19 ta' Ġunju, 2019 u allura, fi żmien xahrejn kemm jekk tiġi kkunsidrata bħala d-data tal-att spoljattiv dik dikjarata mill-konvenuti (id-19 ta' April, 2019) kif ukoll dik dikjarata mill-attur (it-22 ta' April, 2019).

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' it-talbiet tal-attur, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u, għal finijiet tat-tielet (3) talba attriċi tipprefiġġi lill-konvenuti terminu ta' xahar mil-lum sabiex jirreintegraw

lill-attur fid-drittijiet kollha tiegħu relattivi għar-raba' magħruf bħala "Wied ta' Martin", fil-limiti ta' Għajnsielem, billi jirripristinaw l-art għall-istat li kienet fih qabel l-ispoll u jirrilaxxaw l-istess a libera dispozizzjoni ta' l-attur.

B'dan illi fil-każ li l-konvenuti jibqgħu inadempjenti fit-terminu lilhom konċess, l-attur qed jiġi minn issa awtorizzat jagħmel dak minnu mitlub fit-tielet (3) talba tiegħu a spejjeż tal-konvenuti.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur